**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMHALLEF**

**ONOR. PATRICK VELLA, B.A., LL.D., M. JUR. (EUR LAW).**

**Seduta Nru : 5**
**Appell Nru: 115/2001**

**Il-Pulizija ( Sp. Alexander Miruzzi )**

**Vs**

**GUZEPPI BORG**

**Illum, 22 ta'Ottubru, 2001.**

Il-Qorti :

Rat l-akkuza dedotti kontra Guzeppi Borg talli fl-20 ta'Marzu, 2001, ghal habta tas-2.50 p.m., fl-inhawi ta'Wied Ghomor, limiti ta'San Gwann, waqt stagun miftuh ghat-tehid ta'ghasafar minn fuq l-art, ha jew ipprova jiehu ghasafar billi ghamel uzu minn metodu illegali ta'tehid ta' ghasafar (pre-recorded bird calls), u dan bi ksur ta' l-Avviz Legali 146/93, Artikolu 13 (1)(b).

Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta'Gudikatura Kriminali fit-28 ta'Mejju, 2001, li biha sabet lill-Guzeppi Borg hati ta' din l-akkuza w ikkundannatu ghall-mitt lira Maltin (Lm100) Multa w ordnat il-konfiska ta' l-apparat in kwistjoni.

Rat ir-rikors t'appell ta'Guzeppi Borg datat 8 ta'Gunju, 2001, li bih talab li din il-Qorti tirrevoka w thassar is-sentenza appellata w tilliberah minn kull imputazzjoni w htija.

Rat l-aggravju ta' l-appellant.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Rat il-provi, id-dokumenti esebiti w l-atti processwali.

Semghet it-trattazzjoni taz-zewg nahat.

**IKKUNSIDRAT :**

Illi bazikament dak li qed jilmenta minnu l-appellant hu kollu kemm hu kwistjoni ta'apprezzament tal-provi.

L-ewwel Qorti, bhal din il-Qorti, kellha quddiemha zewg verzjonijiet konflingenti. Dik il-Qorti, bhal ma ghamlet ukoll din il-Qorti, ghamlet l-apprezzament taghha ta' dawk il-provi, u, in bazi ta'dawk il-provi, li kienu kemm diretti kif ukoll cirkostanzjali, dehrilha li kellha taccetta l-verzjoni tal-prosekuzzjoni. Din il-Qorti taqbel ma' dan l-apprezzament tal-provi li sar mill-ewwel Qorti. Il-provi li tressqu, specjalment dawk indiretti, analizzatti fl-assjem taghhom iwasslu minghajr ebda dubju ragjonevoli ghall-htija ta' l-appellant.

F'dawn ic-cirkostanzi, ghalhekk, il-Qorti qed tichad l-appell ta'Guzeppi Borg u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier taghha.

Aldo Testone
Deputat Registratur